IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru49 (disgħa u erbgħin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-uffiċċju amministrattiv nhar it-Tlieta 21 ta' Ġunju, 2022, fil-5.00pm

| **Preżenti:** | Il-Membri |
| --- | --- |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**49.1. Item Nru 49.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

49.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.10pm u kulħadd kien preżenti.

**49.2. Item Nru. 49.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

49.2.1 Il-Minuti ġew moqrija u ġew approvati unanimament.

**49.3 Item Nru. 49.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

49.3.1 Is-Sindku qal li t-tender tal-bandli lest u intbgħat id-DOC biex jivvettjawh kif ukoll id-DLG. Ġie iffurmat Bord tal-Evalwazzjoni ukoll.

Dwar it-tender tal-Jogging Track is-Sindku qal li dalwaqt ikun lest ukoll.

49.3.2 Is-Sindku qal li dwar il-proposta tal-użu tal-Multipurpose Hall b kollaborazzjoni mal-Privat għalissa ser jieqaf il-proċess għaliex xorta hemm bżonn tal-Concession. Il-Kunsill

ifforma lista ta' kundizzjonijiet biex jitniżżlu fil-concession li min joffri irid jaderixxi magħhom.

- Din il-lista tinkludi:
- Tul tal-Kirja sentejn u li tista tiġġedde b'sentejn oħra
- Installazzjoni ta' CCTV u alarm
- Gym professjonali b'investiment mhux inqas minn €50,000
- Tindif u manutenzjoni tal-binja u l ground slab. Jinkludi wkoll tibjid u kisi kif ukoll tiswijiet biex ma jidħolx ilma.
- Installazzjoni ta mhux inqas minn 4 showers, 4 toilets kif ukoll 1 toilet għal persuni b' diżabilta.
- Responsabilta sħiħa fuq l-istruttura u l-ħsarat tal-aċċessorji.
- L-affarijiet kollha installati fil-binja u quddiem il-binja apparti l-accessorji tal-Gym iridu jibqgħu fil-post anke wara li tiskadi l-kirja, fi stat tajjeb u jsiru propjeta tal-Kunsill.
- Jiġu organizzati tal-inqas 2 attivitajiet sportivi fis-sena u b'xejn għal kulħadd.
- Sessjonijiet b'xejn għar residenti tax-Xgħajra biex jużaw il-gym u l-aċċessorji kollha assistiti minn trainer kull gimgħa.
- Korsijiet b'xejn lir-residenti tax-Xgħajra dwar Nutrizzjoni u First Aid.
- 25% roħs fis-sħubija tal-Gym lir-residenti tax-Xgħajra.
- L-Għaqdiet sportivi inkluż taż-żfin fix-Xgħajra ikunu intitulati għal mhux anqas minn 2 zewġ sessjonijiet fil-gimgħa
- Tal-anqas persuna waħda li tkun qed tieħu ħsieb il-Gym waqt il-ħin tal-ftuħ trid tkun ikkwalifikata fil-First Aid.
- Parti mil-hall tista tintuża b'xejn mil-Kunsill Lokali biex itella' attivitajiet sportivi jew ta' edukazzjoni. Il-Kunsill irid jibgħat notifika xahar qabel.
- Il-Kumpannija rebbieħa trid tagħmel insurance tal-post kif ukoll għal min ikun qed juża l-post.
- Kontijiet ta' dawl u servizzi oħra iridu jitħallsu mil-Kumpannija rebbieħa.
- Il-Kumpannija rebbieħa tkun responsabbli kompletament minn mewt jew korrimenti li jistgħu jinqalgħu fil-post
- Użu ieħor li mhux sportiv jew li hu illeġali mil-Liġi ta' Malta huwa projbit u jittermina l-kirja immedjatament.
- Użu u bejgħ ta' Alcohol m huwiex permessibbli.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1490 – Malta
Tel: 21694939
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

- Ma għandux isir storbju eċċessiv li jdejjaq lir-residenti tal-madwar.
- Il-Post ma jistax jiġi mikri lil terzi
- Il-Kunsill jibqa fid-dritt li jittermina l-kirja jekk jinkisri kundizzjonijiet hawn fuq imsemmijin wara li jinħarġu 3 twissijiet bil-miktub.

49.3.3. Is-Sur Attard qal li għall-Ground Slab ser nixtru rings li jistgħu jitneħħew kull darba li rridu u jistgħu jintużaw minn kulħadd minajr ħlas.

49.3.4 Is-Sindku qal li dwar ir-railing bgħatilna l-Ministru Stefan Zrinzo u qalilna li x-xogħol ser jibda minn wara Ġunju 2022.

49.3.5 Is-Sur Attard qal li ser jitwaħħlu tabelli fuq tal-Catamaran minħabba l-periklu li tikkawża ir-rima tiegħu. Ħinijiet ma nistgħux nagħmlu għaliex hemm diversi ħinijiet differenti li jgħaddi. Ser jinxtraw u jitwaħħlu 3 life savers max-xatt.

49.3.5 Is-Sindku qal li din is-sena ser nerġgħu norganizzaw il-mawra ta' Kemmuna bid-dgħajsa il-prezz ser ikun ta' €40 ir-ras il-kbar u €25 it-tfal u sa 6 snin minajr ħlas.

49.3.6 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li għandna raġel li ser jirrappreżenta lix-Xgħajra f' Mr. Malta u għalhekk bħal ma għamilna ma' oħrajn ser nagħmlu l-istess miegħu u l-Kunsill qabel li niffinanzjaw €200 biex ikopri spejjeż.

49.3.7 Is-Sur Attard informa lil Kunsilliera bi stedina li għandna mil-Kazin ta' San Mikiel ta' Ħaż Żabbar. Huma talbu għal għajnuna sabiex b'kollaborazzjoni niffinanzjaw €250 u jinxtara apparat għal bandisti. Il-Kunsill qabel unanimament.

49.3.8 Is-Sindku ippropona lis-Sur Neville Schembri, ħaddiem tal-Community Workers Scheme, jingħata allowance tax-xogħol extra li qiegħed jagħmel bħal qtugħ ta' ħaxix, ħitan, u affarijiet oħra li l-Kunsill qiegħed jiffranka l-flus. Il-Kunsill qabel unanimament li jingħata €350 fix-xahar

49.3.9 Is-Sur Attard qal li z-zebra crossing ta' Dawret ix-Xatt, fejn il-Joe Joe's, ser issir fil-ġimgħat li ġejjin.

**49.4 Item Nru 49.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

49.4.1 Is-Sa. Doris Borg staqsiet jekk jistax jinżebaħ il-bieb tal-Librerija u s-Segretarju qal li ser jiddaħħal fil-programm ta' xogħol.

49.4.2 Is-Sa. Borg staqsiet ukoll jekk jistax jinżabru s-siġar ta' Triq l-Iskola għaliex igguffaw ħafna. Is-Segretarju qal li ser jiddaħħal fil-programm ta' xogħol.

49.4.3 Is-Sa. Mary Doris Borg staqsiet jekk tistax tinqala n-notice Board li tinsab fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja għax ma tintużax. Din in-notice board hija tal-Planning Authority u l-Kunsill qabel li tinqala mil-aktar fis. Is-Segretarju qal li ser jiddaħħal fil-programm ta' xogħol.

49.4.4 Is-Sa Borg staqsiet jekk tistax tinqala s-sleeping police ta' Triq it-Torri t' Alof De Wignacourt għaliex ir-residenti qed igergru minħabba l-istorbju li qed tagħmel. Il-Kunsill qabel li titneħħa.

**49.5 Item Nru. 49.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

49.5.1 Ma kienx hemm rapporti ppreżentati.

**49.6 Item Nru. 49.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

49.6.1 Xogħol ieħor ġie diskuss aktar kmieni.

**49.7 Item Nru. 49.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

49.7.1 Pagamenti b'numru 113 ġew approvati unanimament.

**49.8 Item Nru. 49.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

49.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**49.9 Item Nru. 49.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

49.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.14pm

Aġġornament għal-nhar it-Tlieta 26 ta' Lulju, 2022

________________________ ________________________

Ranier Busuttil Neil Attard